MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006

Numru. 389/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**versus**

**Victor Mizzi**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Victor Mizzi ta' 51 sena bin Consiglio u Josephine nee Magro imwieled Żabbar fis-27 t'Awissu 1952 u joqgħod 'Il-Kenn Tagħna', Triq is-Saqwi, Zabbar detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 650452 (M)

i) Akkużat talli fid-19 ta' Mejju, 2004, għall-ħabta ta' nofsinhar ġewwa d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, iżda mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-

ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, permezz ta' xi arma, strument jew għodda oħra ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Briffa, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti, u dan skond ma ċċertifika t-Tabib Dr. Gabriel Schembri M.D. (Reg. 2767) mill-Isptar San Luqa, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tal-ħati, u dan b'arma, strument jew għodda rregolari, u dan bi ksur ta' l-artikoli 41(1)(a), 64, 95, 96, 214, 216, 217 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) Ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi permezz ta' l-istess arma, strument jew għodda oħra kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq Anthony Briffa, skond ma ċċertifika t-Tabib Dr. Gabriel Schembri M.D. (Reg. 2767) mill-Isptar San Luqa u dan bi ksur ta' l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii) Ukoll talli fl-isetss jum, lok, ħin u ċirkostanzi, qal kliem fil-pubbliku, xi kliem oxxen, indiċenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv) Ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi hedded bi ħwejjeġ iebsin (siġġu) lil Anthony Briffa u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
v) Ukoll talli fl-istess jum, lok u ħin ħebb għal Anthony Briffa sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

vi) Ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Anthony Briffa, weġġgħu bi kliem, b'ġest jew b'mod ieħor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

vii) Ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi imbotta lill-imsemmi Anthony Briffa sabiex iweġġgħu jew jinsulentah

u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(1)(l) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Il-Qorti kienet ukoll ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Anthony Briffa u tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali ta’ l-imputat li tidher a fol. 6 u 7; it-talba ta’ Anthony Briffa sabiex ikun parte civili; l-istqarrija li saret mill-imputat u li tidher a fol. 21; il-kopja ta’ l-okkorrenza li tinsab a fol. 23 u 24; iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat a fol. 25; il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri isiru bi proċedura sommarja a fol. 59; il-kunsens ta’ l-imputat biex dawn il-proċeduri isiru bi proċedura sommarja a fol. 9; il-kopja tal-personal records sheet tas-Sur Anthony Briffa, l-parte ċivili, a fol. 110 u r-ritratti li jidhru a fol. 129.

4. Semgħet lix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet lill-abbli Prosekutur u l-abbli Difensur jittrattaw il-kawża.

Ikkonsidrat

6. Il-fatti fil-qosor huma dawn li ġejjin. Fid-19 ta’ Mejju, 2004 għall-ħabta ta’ nofsinhar neqsin kwart, is-Sur Anthony Briffa, fil-fakolta’ tiegħu bħala teacher in charge mid-dixxiplina fl-iskola ta’ San Ġużepp, Boys’ School, Marsa, irrapporta li waqt li kien qiegħed l-Education Department il-Furjana, kellu meeting ma’ xi membri oħra tad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni u kien għamel rapport fuq is-Sur Victor Mizzi, li llum huwa l-imputat. Huwa kien irrappurtah li kien naqas mid-dmirijiet tiegħu u ma kienx mar għax-xogħol. Waqt id-diskussjoni quddiem il-Bord, skond Anthony Briffa, Victor Mizzi qam għal Anthony Briffa u allegatament tah daqqa (a fol. 16).

7. L-Ispettur Ramon Mercieca qal li meta deher is-Sur Anthony Briffa quddiemu, dan kellu daqqa ta’ ponn mhux ħażin f’wiċċu, kienet evidenti sew. Kienu offrewlu l-

assistenza, intbagħat il-Poly Clinic u mbagħad anke l-Isptar San Luqa. Kien eżaminat minn Dr. Adrian Schembri li ċċertifika li kellu ferita ta' natura ħafifa, skond Dok. RM1 li jinsab a fol. 20. Is-Sur Victor Mizzi kien mar l-għassa tal-Belt minn jeddu u qal li kellu nċident.

8. Fl-istqarrija (a fol. 21) l-imputat qal illi is-Sur Briffa kien irrappurtah li kien nieqes għax-xogħol meta l-imputat kellu jirrapporta jum ieħor u mhux f'dak il-jum indikat. Minħabba dan ir-rapport spiċċa quddiem il-Bord tad-dixxiplina ta' l-iskola. L-inċident kien seħħ fis-sena li kien irrappurtah. Skond l-imputat, fl-istqarrija, huma kienu qegħdin fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni l-Furjana u Anthony Briffa beda jixhed kontra l-imputat. Skond l-imputat, Anthony Briffa beda jżejjen id-diskors u jkabbar l-affarijiet. Il-Bord tad-dixxiplina kienu qallu lis-Sur Briffa li ma kellux għalfejn jirrapporta lil Victor Mizzi u għal dan il-kliem, is-Sur Briffa baqa' jinsisti li l-imputat kellu t-tort. Waqt li kien qed jixhed Anthony Briffa, l-imputat kien ħdejh eżatt u l-imputat qam minn fuq is-siġġu, refgħu u ċċaqlaq minn ħdejh għax ma felaħx aktar bid-diskors tas-Sur Briffa. Skond l-imputat kien hemm erba' minn nies tal-Bord li ppruvaw jikkonvinċuh li l-imputat ma kellux tort iżda hu xorta baqa' jinsisti li kellu tort. Imbagħad is-Sur Briffa qalilhom 'Allura dan m'għandux tort meta lili kien heddidni?' L-imputat qal li kull ma kien qallu kien 'L-għala kien kitibli fuq il-karta tiegħi ta' l-iskola fejn ismi?' L-imputat qal li qatt ma qabad is-siġġu għalih iżda biss qam minn ħdejh u resaq għax beda jdejqu jgħajjat. Hu qallu 'Ħallini kwiet.' L-imputat qal li ma felaħx iktar u qabad itih bil-ponn biss iżda qatt ma tah b'xi ħaġa oħra (a fol. 22). Huwa qal li s-Sur Briffa ilu mqabbad miegħu għal xejn b'xejn u diġa' kien għamel rapport lis-Surmast tiegħu u lid-Dipartiment sabiex lilu jħallih. Hu ddispjaċih talli kien sar għaliex l-imputat kien għamel dak li ma riedx jagħmel, minħabba s-Sur Anthony.

9. A fol. 23 u 24 hemm l-okkorrenza ta' meta s-Sur Briffa kien mar jagħmel ir-rapport tiegħu dwar l-inċident li kien inqala'.

10. Xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni kien Anthony Briffa, li qal li huwa Għalliem fl-iskola, San Ġużepp Ħaddiem, Marsa. B'mod uffiċjali huwa nkarigat mill-ordni, sigurata' u dixxiplina fl-iskola. Ix-xhud qal li kien irrapporta lill-imputat diversi drabi u darba minnhom kienet meta telgħu għall-Bord tad-dixxiplina fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fid-19 ta' Mejju, 2004. Quddiem il-Bord huwa spjega x-xogħol tiegħu u ħdejh eżatt kien hemm l-imputat illi skond dan ix-xhud beda jheddu. Hawn talab il-protezzjoni tas-Sur Zaffarese meta s-Sur Zaffarese baqa' jinsisti li x-xhud kellu jkompli b'dak li kien qed jagħmel. A fol. 29 dan ix-xhud qal li kif kien ser joħroġ id-dokumenti, l-imputat qabeż fuqu qisu tigra feroċi, jagħtih bil-ponn, bis-sieq, tefgħu ma' l-art, tah bis-siġġu u f'kelma waħda għamlu aċċjomu. Ix-xhud qal li kien qed imut l-aħħar (a fol. 30) u kellu r-ritratti. Huwa beda jara d-dlam u ħaseb li kien għamih u kważi ġġennen. Ix-xhud beda jinsisti li jiġu l-Pulizija u pprova jkellem diversi nies. Il-Pulizija ġew wara żewġ minuti li kien ċemplilhom u bagħtuh il-Polyclinic tal-Furjana. Il-Pulizija wara, ħaduh l-Isptar St. Luke's ukoll. Ir-ritratti li ppreżenta ħadhomlu l-fotografu ta' l-iskola, s-Sur Gialanze.

11. A fol. 34 huwa qal li l-imputat beda jidgħi u jitkellem ħażin u jgħidlu 'irrid noqtlok' u ħadd ma beda jżommu. Ix-xhud qal li l-imputat beda jgħidlu 'oqgħod attent, ara ttellifni l-post, ħażin għalik, inkissrek, jien nagħmilhielek.' Dan kien id-diskors ta' l-imputat skond dan ix-xhud. Il-Qorti hawn staqsietu jistax jgħidilha fejn laqtu peress li kien qal li l-imputat tah bis-sieq. Ix-xhud wieġeb a fol. 35 'Kullimkien. Bdiet nieżla xita ta' daqqiet.' Huwa beda jaħseb li ma kienx se jibqa' aktar ħaj. Huwa beda jħoss uġigħ ma' ġismu kollu bid-daqqiet li qala' (a fol. 36). L-għada huwa kien daħal għax-xogħol u dan kien b'sagrifiċċju kbir għalih għax hu ma jħobbx jassenti ruħu mix-xogħol la jirċievi ċ-ċekk tal-paga (a fol. 37). Is-Surmast ta' l-iskola, s-Sur Frans Sammut qallu li kien lest li jitla' jixhed il-Qorti wkoll (a fol. 38). Fil-kontro-eżami qal li kien għamel bejn għoxrin u tlieta u għoxrin, l-aktar, ħamsa u għoxrin rapport fuq l-imputat (a fol. 40). Huwa qal li għalih l-imputat mhux ġie liberat mill-ħamsa u għoxrin rapport, imma l-Education Department ma tawx

każ (a fol. 41). Huwa qal li qatt ma kien irċieva xi karta illi tgħid li s-Sur Victor Mizzi huwa liberat. Suppost li hu jkun infurmat b'xi jkun ġara pero' jidher li skond ix-xhud, qatt ma rċieva dawn il-karti (a fol. 42). Huwa qal li fl-aħħar rapport, meta huwa qala' x-xeba' is-Sur Piccinino kien bagħat jgħidlu li ssuspendih mix-xogħol.

12. L-Avukat Difensur staqsih jekk waqt is-smigħ quddiem il-Bord kienux urewh li dakinhar l-imputat kien bil-leave. Ix-xhud qal 'il-Bord lili beda jistaqsini għaliex għamiltu absent?' Ix-xhud qal 'Mhux vera l-imputat kien bil-leave.' Ix-xhud qal li meta beda joħroġ id-dokumenti l-imputat beda jheddu. Imbagħad l-imputat qabeż fuqu u beda jtih bis-sieq kullimkien. Semma wkoll li beda jtih bis-siġġu (a fol. 55). L-Avukat Difensur qal 'U dan ġara ħmistax-il jum ilu u issa lanqas għandek biss marka, jew girfa jew tbenġila' (a fol. 57).

13. Xehed it-Tabib Dr. Gabriel Schembri illi qal li l-imputat kellu tbenġila kbira taħt għajnejh fuq in-naħa tax-xellug u qasma żgħira fuq ġewwa ta' ħalqu fuq il-ħanek. L-injuries kienu slight. Skond dan it-Tabib is-Sur Anthony Briffa kien qallu li kien qala' daqqa ta' ponn ġo wiċċu.

14. Fix-xhieda tagħha Ms. Bernardette Faure qalet illi l-imputat kien qam u ta daqqa ta' ponn lis-Sur Anthony Briffa. Wara kienet indunat li d-daqqa ta' ponn kienet marret fuq għajn is-Sur Briffa (a fol. 67). Hi ma semgħet ebda kelma ndiċenti jew oxxena. Hija kkonfermat li s-Sur Briffa huwa Instructor ġewwa skola ġewwa l-Marsa. Meta kien daħal għax-xogħol is-Sur Briffa ma kienx sab watchman u mhux ma sabx lill-imputat u mar iniżżel 'no watchman on duty' fejn kien hemm vojt fir-rig ta' l-imputat fuq l-attendenza (a fol. 69). Fil-kontro-eżami ix-xhud qalet li ċemplet lil min kien qed jipprova jfiehem lis-Sur Briffa illi ma kellux jagħmel dawk ir-rimarki (a fol. 70 u 71).

15. Xehed ukoll is-Sur Alfred Zaffarese li kien Chairman tal-Bord u kkonferma li l-imputat kien ta daqqa ta' ponn lis-Sur Briffa (a fol. 74). Huwa ma kien sema ebda kliem ta' theddid jew kliem baxx (a fol. 75). Is-Sur Briffa kien ippreparat fuq il-każ pero' beda jitkellem fuq affarijiet li

ġraw qabel u ċ-Chairman qallu ‘dawn m’humiex relevanti għall-każ li kellu quddiemu l-Bord.’ A fol. 76 dan ix-xhud qal li dak il-jum ma kellux jaħdem Mizzi bħala watchman. Dak il-ħin l-imputat ħebb għal Briffa u tah bil-ponn. In kontro-eżami, ix-xhud qal li biex jixhed is-Sur Briffa ma kienx qed jgħajjat, biss xi mument is-Sur Briffa beda joġġezzjona anke kif iċ-Chairman kien qed imexxi l-Bord. A fol. 79 dan ix-xhud beda jgħid li jekk jiftakar sew l-akkuża kienet, għalkemm ma jiftakarx id-data, ‘imma Mizzi wera atteġġjament minaċċjuż, kienet mingħalija, ma kinitx li kien nieqes fuq ix-xogħol.’ (A fol. 80).

16. Ix-xhud beda jgħid li l-akkuża ma kinitx dwar l-attendance sheet. A fol. 80 huwa qal li l-akkuża kienet tgħid illi f’dik il-ġurnata, f’Marzu, Mizzi wera atteġġjament minaċċjuż versu Briffa. Din kienet l-akkuża u għalhekk kienet vaga. Imbagħad kien għamel xi ftit mistoqsijiet qabel ma beda l-Bord u ra li kienet marbuta mal-kwistjoni ta’ l-attendance sheet. Waqt il-Bord, is-Sur Briffa kien jidher illi kien ‘driving it a bit too hard’ (a fol. 82). A fol. 83 reġa’ kkonferma illi l-imputat ta daqqa ta’ ponn lis-Sur Briffa. Definitely kienet fuq il-parti ta’ rasu. Ftit sekondi wara, Mizzi telaq ‘il barra. Dwar is-siġġijiet dan ix-xhud qal li dawn baqgħu hemmhekk u ħadd ma ta daqqiet bis-siġġijiet (a fol. 85).

17. Xehed PS 928 Ramon Mifsud li xehed li kienet daħlitilhom telefonata li xi ħadd kien aggredit fl-Education Department. Huma marru fuq il-post fejn ġie stabbilit illi is-Sur Briffa kien aggredit waqt li kien qed jagħti xi xhieda fil-Bord kontra Victor Mizzi. Imbagħad kien sar ċertifikat mill-Isptar u wara nofsinhar dan ix-xhud, PS 928 Ramon Grech kien mar jarresta lis-Sur Victor Mizzi.

18. Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni kienet Michelle Scerri li kienet preżenti waqt il-Bord u ikkonfermat li l-imputat kien ta daqqtejn ta’ ponn lil Briffa.

19. Simon Colombo xehed fis-27 ta’ Ottubru, 2004 u qal li l-akkuża kienet tgħid illi is-Sur Mizzi kien hedded lis-Sur Briffa. Huwa jiftakar li fl-inċident l-imputat kien ta daqqtejn fuq wiċċ is-Sur Briffa. Imbagħad l-istess xhud ħareġ ‘il

barra lis-Sur Mizzi, daħħlu fil-kamra tiegħu u tah kafe u wara telaq lejn id-dar.

20. Is-Sur Sammut, is-Surmast tal-Marsa, qal li s-Sur Briffa huwa uffiċjal pubbliku u li s-salarju tiegħu joħroġ mid-Dipartiment. Dakinhar ta' l-inċident huwa kien qiegħed l-iskola. Hu kien irċieva telefonata mingħand is-Sur Briffa li qallu illi kien hemm inċident. Qallu li xi ħadd kien sawwtu u dan ix-xi ħadd huwa l-watchman. Imbagħad kien bagħat għalliem għalih. Ix-xhud qal li ma jiftakarx li s-Sur Briffa qallu li kien qed imut.

21. Is-Sur Gatt, li jaħdem fl-Education Division xehed u ppreżenta r-records li juru li is-Sur Briffa kien fil-grad ta' Instructor.

22. Stephanie Camilleri mill-OPM ikkonfermat illi is-Sur Briffa huwa uffiċjal fis-servizz pubbliku u li huwa Instructor ma' l-Education Department.

23. L-Ispettur Ramon Mercieca esebixxa sentenza tas-17 ta' Ġunju, 2003, Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija mill-Maġistrat Dr. Dennis Montebello fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija (Paul Camilleri) vs Victor Mizzi.

24. Raymond Gialanze xehed fit-22 ta' Marzu, 2005 u qal illi s-Sur Briffa kien talbu li joħodlu xi ritratti. Huwa kien qed jagħmel ix-xogħol ta' technician.

**Difiża**

25. Bħala xhieda tad-Difiża kien hemm is-Sur Victor Mizzi li qal li hu jaħdem bħala watchman mal-Gvern. Hu kien ilu jaħdem hekk għal dawn l-aħħar ħames jew sitt snin. Lis-Sur Briffa kien ilu jafu kemm kien ilu jaħdem ġewwa l-iskola San Ġużepp Ħaddiem, li dejjem tratta miegħu ħażin. Ix-xogħol tiegħu ma kienx jikkalkulah. Hu kien jieħu ħsieb jagħlaq il-bieb, jagħmel ir-ronda ġewwa u jkollu l-bieb ta' barra msakkar. Kien iġiblu l-Pulizija biex jgħid illi huwa ma kienx qiegħed hemm ġew. Jekk iħalli l-bieb magħluq kien iġiblu l-Pulizija għaliex il-bieb magħluq. L-imputat qal illi s-Sur Briffa kien jagħmillu ħafna rapporti

għalxejn. Fil-fatt huwa qatt ma weħel xejn għax dejjem sabuh mhux ħati. Fil-fatt huwa semma' n-numru ħamsin jew sittin darba u l-Qorti hawn ġibditlu l-attenzjoni biex ma jesaġerax u li qiegħed bil-ġurament pero' l-imputat qal għamillu ħafna drabi dawn ir-rapporti. Fl-iskola kien dam xi erba' (4) snin u xi tliet (3) snin kien għaddihom propju mas-Sur Briffa. Is-Sur Briffa dam jixhed dakinhar li telgħu Bord. Huwa kellu ħafna files li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-każ u tal-Bord bdew jgħidulu li dawn ma kellhom x'jaqsmu xejn. L-imputat qal li lilu is-Sur Briffa ried jagħmillu vendikazzjoni biex itelliflu l-job dak il-ħin. Huwa kien għamillu charge li kien imissu kien għax-xogħol dik il-ġurnata meta fil-fatt kien imissu ħaddieħor. Il-kariga ta' l-imputat hija ta' watchman.

25. Dak il-ħin ma felaħx iktar u qam u tah daqqa ta' ponn u telaq 'il barra. L-imputat qal li ma tahx bis-sieq, lanqas tefgħu ma' l-art, m'għamillu xejn dak il-ħin. Tah daqqa ta' ponn biss. Huwa qal li assolutament kollox kien gideb. La tah bis-sieq, la tefgħu ma' l-art, m'għamillu xejn. U reġa' qal 'Kull ma tajtu daqqa ta' ponn u qbadt u tlaqt 'il barra għax dak il-ħin ma flaħtux' (a fol. 139). Il-Bord qallu li ma kienx imissu xogħol dakinhar, ma messikx għamilt dik ir-rimarka fuq l-attendance sheet. L-imputat tela' ħafna drabi quddiem il-Bord fuq rapporti li għamillu s-Sur Briffa. Huwa kien talab transfer, speċjalment dakinhar li sab dik ir-rimarka fuq il-karta u kienu qalulu illi dik il-karta, s-Sur Briffa mhux suppost li missha. Meta kien mistoqsi mill-Prosekuzzjoni, huwa nnega li kien qabad siġġu u tah bih.

**Trattazzjoni**

26. Fit-trattazzjoni, l-abbli Prosekutur qal li dan kien każ fejn kien hemm offiża fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku. Dan il-fatt ġie kkonfermat meta ttella' rappreżentant u kkonferma li s-Sur Briffa huwa uffiċjal pubbliku u fil-ħin meta ġara l-inċident kien propju qed jesegwixxi bil-fakulta' tiegħu b'dak l-inċident. Dan kien fil-fatt Bord tad-dixxiplina. Fl-istqarrija s-Sur Mizzi kien qal li kien ta daqqa ta' ponn (ara fol. 22). Is-Sur Briffa, fl-ebda ħin ma refa' jdejh fuq is-Sur Mizzi. Kien propja l-imputat li refa'

jdejh fuq is-Sur Briffa. Barra minn hekk is-Sur Briffa qatt ma nsulta lill-imputat. Kien hemm animosita' bejn iż-żewġ persuni għaliex l-imputat stess kien irrefera għaliha din waqt l-istqarrija tiegħu. Huwa rrefera wkoll għaċ-ċertifikat rilaxxat mit-Tabib u semma' li s-Sur Briffa fix-xhieda tiegħu kien qal li s-Sur Mizzi kien ħebb għalih b'siġġu.

27. Id-Difiża qalet illi skond iċ-ċertifikat ta' Dr. Gabriel Schembri il-ferita kienet ta' natura ħafifa (a fol. 20). Hija qalet illi l-allegat vittma kien konsistenti fil-gideb tiegħu. Fil-fatti iċ-Chairman u dawk kollha preżenti kollha qalu li dan kien inċident ta' ftit sekondi. Ħadd ma sema ebda theddid, ebda għajjat mill-parti tas-Sur Mizzi. Ma kienx hemm tfigħ ta' siġġijiet, lanqas daqqiet b'siġġijiet u xejn minnn dan kollu. Kulħadd qal li kienet daqqa ta' ponn u xejn iktar. Ħadd mill-Bord ma qal li Mizzi hedded lil Briffa. Għad-Difiża dan jammonta għal ġurament falz. Id-Difiża rreferiet ukoll għal ċerta espressjonijiet bħal 'ħassejtni qed immut, ħasejtni in articolis mortis.' Il-Bord kollu qal li kien hemm daqqa ta' ponn u xejn aktar. L-Isptar lanqas biss żammewh għall-osservazzjonijiet. Id-daqqa ma kienx qalagħha għaliex is-Sur Briffa kien uffiċjal pubbliku u ġabet eżempju bħal mara tagħti xi daqqa ta' ponn lir-raġel tagħha li jkun fis-servizz pubbliku. Id-Difiża qalet ukoll illi s-Sur Mizzi kien prattikament vittma tas-Sur Briffa minħabba n-numru ta' rapporti li s-Sur Briffa kien għamel kontra l-imputat.

27. Il-Qorti staqsiet lid-Difiża dwar l-imputazzjoni rigwardanti l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 u d-Difiża qalet illi m'hemm l-ebda prova dwar dan.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

28. Mill-provi jirriżulta dan li ġej:

(a) li l-imputat ta' daqqa jew daqqiet ta' ponn lis-sur Anthony Briffa (ID 0286847(M)) għaliex dan ammettieh l-imputat fl-istqarrija tiegħu kif ukoll fuq il-pedana waqt li kien qed jixhed.

(b) Skond iċ-ċertifikat tat-tabib Dr. Garbiel Schembri, l-offiża kienet ta' natura ħafifa (mill-punto di vista mediku) u s-Sur Anthony Briffa kellu haematoma kbira fuq iz-zigoma tax-xellug u laċerazzjoni qasira ta' 5 millimetri fuq il-ħaddejn tan-naħa tax-xellug. Ma kien hemm ebda ksur (Ara fol. 20).

(ċ) Li s-Sur Anthony Briffa huwa Instructor fl-iskola San Ġużepp Ħaddiem tal-Marsa u li s-surmast kien inkarigah mid-dixxiplina u s-sigurta'. Huwa uffiċjal pubbliku kif xehdet Stephanie Camilleri rappreżentanta ta' l-OPM a fol. 117.

(d) Li d-daqqa jew daqqiet ingħatat/ingħataw waqt li kien qed isir Bord tad-Dixxiplina fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u waqt li s-Sur Anthony Briffa kien qed jitkellem dwar iċ-charge li kien sar kontra l-imputat.

**Punti ta' Liġi**

29. Id-difiża ssottomettiet li l-inkwiet li nqala' bejn l-imputat u s-Sur Anthony Briffa kien dwar nuqqas ta' ftehim jew pika personali u għalhekk il-fatti tal-każ odjern la jaqgħu taħt l-artikolu 95 u lanqas taħt l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

30. Fil-fehma tal-Qorti l-vittma huwa uffiċjal pubbliku ai termini ta' l-artikolu 92. Is-Sur Anthony Briffa huwa Instructor u skond ix-xhieda mogħtija mis-sinjorina Stephanie Camilleri huwa jitqies bħala uffiċjal pubbliku. Bara dan huwa jaqa' taħt id-definizzjoni mogħtija fil-Kodiċi Kriminali għaliex huwa wieħed mill-uffiċjali maħtur

'biex jamministraw xi parti setgħa esekuttiva tal-Gvern jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-Liġi.'

31. Oltre dan skond il-każistika Maltija din id-definizzjoni mhix waħda eżawrjenti. In fatti fil-każ 'Il-Pulizija versus Joseph Ellul' il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

'L-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali ma jagħtix definizzjoni eżawrjenti ta' l-espressjoni 'uffiċjal pubbliku': jgħid biss din

l-espressjoni x'għandha tinkludi. Impjegat fis-servizz ċivili tal-Gvern ta' Malta hu uffiċjal pubbliku għall-finijiet tal-protezzjoni speċjali mogħtija permezz ta' l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.'[1]

32. L-inċident inqala' waqt smigħ ta' Bord tad-dixxiplina. Għalhekk din kienet funzjoni ta' natura pubblika.

33. L-inkwiet kien konness ma' passi dixxiplinari li kien qed jinsisti fuqhom s-Sur Anthony Briffa u għalhekk d-daqqa jew daqqiet li qala' l-vittma kienu konnessi ma' xogħol uffiċjali. Xejn ma jbiddel minn is-sitwazzjoni formali ukoll jekk il-kwistjonijiet kienu ilhom sejrin minħabba n-numru tar-rapporti li kien għamel l-istess Anthony Briffa kontra l-imputat. Din il-Qorti ma tistax toftom dak li ġara minn proċeduri uffiċjali dwar każ ta' dixxiplina fis-servizz pubbliku.

34. It-tieni punt ta' liġi huwa dwar il-klassifikazzjoni tal-ġrieħi li sofra s-sur Anthony Briffa. Għall-finijiet ta' l-artikolu 216 biex ikun hemm offiża gravi fuq il-persuna, oltre dak li jipprovdu sub-paragrafi oħra, l-offiża, skond is-sub-paragrafu (b)

'iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż.'

35. Teknikament dan il-mankament jew sfreġju m'hemmx bżonn ikun għal dejjem sabiex jaqa' taħt l-artikolu 216. Jekk il-mankament huwa għal dejjem, allura japplika l-artikolu 218 fejn il-piena hija akbar.

36. Il-Qorti kkonsidrat dak li (i) xehed it-tabib; (ii) ir-ritratti ppreżentati; (iii) il-fatt li l-vittma ntbagħat id-dar mal-ewwel; (iv) il-preżenza ta' l-imputat fl-Awla meta xehed fl-4 ta' Ġunju 2004 – jiġifieri anqas minn sittax-il jum wara li sar l-inċident.

37. Fil-fehma tal-Qorti dawn l-offiżi għandhom jitqiesu bħala feriti ta' natura ħafifa ai termini ta' l-artikolu 221. Ma

[1] Volume LXXXIII.IV.paġina 222 17 ta' Frar 1999.

ntużat ebda waħda mill-armi indikati fl-artikoli 217 għaliex skond ix-xhieda (barra l-vittma) ma ntużax xi strument biex saru l-feriti u lanqas twaddab xi siġġu mill-imputat lejn il-vittma.

38. Il-punt legali l-ieħor huwa dwar liema mill-artikoli 95 jew 96 japplika jew jekk l-ebda wieħed minnhom ma japplika..

39. L-artikolu 96 ikun japplika meta wieħed jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti. Skond il-ġurisprudenza tagħna m'hemmx għalfejn li l-uffiċjal ikun liebes l-uniformi biex wieħed jinstab ħati taħt dan l-artikolu. (Ara 'Il-Pulizija versus Giuseppe Borg' Qorti ta' l-Appell 24 ta' Novembru 1917 Vol.XXXII. I. 1086).

40. Il-Qorti ma tikkonsidrax li l-fati odjerni jaqgħu taħt dan l-artikolu għaliex is-Sur Anthony Briffa ma kienx qed jesegwixxi xi liġi jew jagħti xi ordni.

**L-artikolu 95**

41. Min-naħa l-oħra s-Sur Anthony Briffa sofra offiża ħafifa waqt li li kien qed jagħmel servizz pubbliku jew minħabba li dan kien qed jagħmel dan is-servizz. Għaldaqstant dan l-artikolu japplika fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Skond in-Noti tal-Professur Anthony Mamo:

'The material and the moral elements are the same as those in article 94. What is different is the person on whom the outrage is committed. The victim in this offence can be any person lawfully charged with a public duty other than a Judge, the Attorney General, a Magistrate or a Juror.'[2]

[2] Professur Anthony Mamo: Notes on Criminal Law. Part II. Page 46

42. Wara dawn il-konsiderazzjonijiet ta’ fatt u ta’ liġi, il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-imputazzjonijiet mogħtija mill-Prosekuzzjoni seriatim.

43. L-ewwel imputazzjoni hija dwar tentattiv permezz ta’ arma jew strument li l-imputat jikkaġuna ħsarafil-ġisem jew fis-saħħa, cieo’ offiża ta’ natura gravi.  Il-Qorti ma sabet ebda prova li tikkonvinċiha moralment li ntużat xi arma jew strument jew provi biżżejjed ta’ tentattiv ta’ offiża gravi.  Għalhekk qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

44. It-tieni offiża li permezz ta’ arma, strument jew għodda ikkaġuna ħsara fil-ġisem u cioe’ offiża ta’ natura ħafifa fuq Anthony Briffa.  Il-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni ippruvat li l-imputat għamel offiża ta’ natura ħafifa fuq is-sur Anthony Briffa iżda mhux b’xi strument.  Għalhekk, waqt li r-reat ta’ offiża ħafifa huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni, biss is-subinċiż (2) ta’ l-artikolu 221 tal-Kap 9 mhux ser ikun kkunsidrat jew applikat mill-Qorti.  Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni ippruvat ‘l hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-vittma kien uffiċjal pubbliku, li l-offiża saret waqt li vittma kien jaqdi d-dmirijiet tiegħu, u l-offiża hija konnessa max-xogħol uffiċjali ta’ l-imputat. Fl-aħħarnett kienet ippreżentata l-kwerela ai fini ta’l-artikolu 221(4) u l-effett li jħalli daqqa ta’ ponn fuq il-wiċċ **ma jistax** jitqies ta’ importanza żgħira.  Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni.

45. Il-Qorti eżaminat l-imputazzjonijiet l-oħrajn kollha u qed taqta’ u tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ġabet prova biss għall-ħames imputazzjoni li hija assorbita bit-tieni imputazzjoni.  Għaldaqstant qed tilliberah mit-tielet, ir-raba’, is-sitt u s-seba’ imputazzjoni.

46. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 31, 41(1)(a), 64, 95, 96, 214, 216, 217, 221(1)(4), 252(1), 338(bb), 339 (b), 339(d), 339(e), 339(1)(l),342,u 352 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni mingħajr pero’ ma kien hemm l-użu ta’ xi arma, strument jew għodda oħra, u tal-ħames imputazzjoni (li hija assorbita fit-tieni waħda), waqt

li qed tilliberah mill-ewwel, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjoni.

47. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali ta' l-imputat li jidher li mhux l-ewwel darba li nstab ħati talli ħebb għall-persuni oħra. Din id-darba ħebb għal uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu u d-daqqa tidher li kienet waħda qawwija. L-imputat ma jista' jgawdi mill-ebda waħda mill-iskużanti kkontemplati taħt l-artikolu 230 (a), (b), (c), (d).
Fl-aħħarnett, ħadd m'hu ġustifikat jaqbad u jfajjar bil-ponn għax ikun urtat b'dak li qed jingħad – ukoll jekk hu min għalih li għandu raġun jaġixxi b'dan il-mod. Għaldaqstant, il-Qorti tfakkar lill-imputat li l-artikolu 221 (1) magħqud ma' l-artikolu 95 bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 31 jwassal għall-piena ta' ħabs. Iżda fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti qed tapplika l-artikolu 21 għax ma jidhrilhiex li piena karċerarja hija idonea u minflok qed tikkundanna lill-imputat għall-piena karċerarja, qed tikkundannah iħallas multa ta' Lm 250 (mitejn u ħamsin lira Maltija) fiż-żmien mogħti mil-liġi. Fin-nuqqas ta' ħlas din tinbidel f'jum priġunerija għal kull Lm5 mhux imħallsa.

48. Il-Qorti qed tobbliga lill-imputat li ma jimmolestax lis-Sur Anthony Briffa mil-lum sa sena oħra u dan taħt obbligazzjoni ta' Lm100 (mitt lira Maltija).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------